TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 67

KAZ NRU. 80

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Peter Paul Bellizzi
u
Messrs Valletta Light Clothing Co. Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 18 ta' Gunju 1980.

Chairman : G.A. Craig

B'ittra tal-25 ta' Frar, 1980 il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Peter Paul Bellizzi mill-Kumpanija Valletta Light Clothing Co. Ltd., tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti li fihom l-appellant kien assistit mis-Sur J. Camilleri filwaqt li l-Kumpanija kienet rapprezentata mis-Sur C.L. Farrugia, M.Sc. (Econ.) Lond., B.Sc., A.C.W.A., A.C.I.S., F.C.C.S., A.M.I.A., konsulent finanzjarju, assistit mis-Sur Benny Rizzo, Administrative Manager ta' l-istess Kumpanija.

3. Statements of Case - Ghall-appellant is-Sur J. Camilleri issottometta li l-appellant Peter Paul Bellizzi gie mpjegat mal-Kumpanija bhala 'Trainee Supervisor' permezz ta' kuntratt ta' xoghol indefinit bid-data tal-24 t'Ottubru, 1978 li tieghu

esebixxa kopja mmarkata Dok. "A/1". Dan il-ftehim kien isemmi li jekk l-appellant ma jgibx ic-certifikat finali tas-City and Guilds fit-'tailoring' fi zmien sentejn l-impieg jigi awtomatikament mitmum u jekk jikseb din il-kwalifika il-post li kellu jinghatalu kien dak ta' 'Supervisor'. Dan il-ftehim kien isemmi 'probation period' ta' sitt xhur. L-appellant kiseb din il-kwalifika biss wara sena u xhar u l-kumpanija b'ittra tas-7 ta' Novembru, 1979 (Dok. A/2) ferhitlu u offrietlu l-post ta' 'Supervisor' bazat fuq l-ewwel ftehim ta' l-24 t'Ottubru, 1978, bid-differenza li ghal dan il-post regghet dahlet 'probation period' ta' sitt xhur, u din kienet kondizzjoni gdida tax-xoghol bla ebda bzonn ghax l-appellant kien ga ghadda il-'probation period' ta' qabel, u ghalhekk ma kellux ikun hemm prova ta' sitt xhur ohra. L-appellant informa lis-Sur Cini li ma kienx ser jifferma ghal kondizzjonijiet il-godda, izjed tard dik il-gurnata gie msejjah mis-Sur Cassar, il-Manager tal-Kumpanija dan qallu li kien sospiz u biex jitlob skuza lis-Sur Cini u l-appellant kien lest li dan jaghmlu. Dan kien fl-20 ta' Novembru, 1979. Dik in-nhar stess cempel is-Sur Cini u dan qallu li l-ittra tal-offerta tal-post il-gdid kienet mghaffga kollha u li fit-3.00 p.m. kellu jarah is-Sur Farrugia, id-Direttur. Fil-fatt dan mar u sab ruhu quddiem Board ta' erba' minn nies fosthom is-Sur Farrugia li canfru talli ttratta l-ittra ta' l-offerta hekk u l-appellant talbu skuza izda s-Sur Farrugia ma tahx l-opportunita' jiddiskuti mieghu l-kondizzjonijiet il-godda u dan qallu li ser jibghatlu twegiba mas-Sur Cini. Siegha wara s-Sur Cassar kien informa lill-appellant li kien sospiz u li tilef il-futur tieghu. Fl-20 ta' Novembru, 1979 mievalittra fejn l-offerta li kienu ghamlulu giet irtirata u li ser jaghtuh in-'notice'money' ghax ma accettax li jiffirma. L-appellant sostna li qatt ma kien gie mwissi la' bil-fomm u inqas bil-miktub dwar xi nuqqas la fil-produzzjoni u inqas fil-'performance' u l-ittra fejn il-kumpanija ferhitlu meta ghadda

l-ezamijiet u l-offerta tal-post ta' 'supervisor' kienu xhieda ta' dan. X'seta' gara meta wara biss tlettax il-gurnata biex l-appellant tkecca ghaliex "mhux tajjeb biex ikun 'supervisor' maghna" - kienet ta' bil-fors skoperta gdida - din ma kienetx haga ohra hlief li l-appellant ma riedx li jaghmel it-tieni 'probation' ta' sitt xhur haga li skond l-opinjoni tieghu ma kienetx skond il-ligi - u ghal din ir-raguni it-tkeccija ma kienetx gusta.

4. Ghall-Kumpanija is-Sur C.L. Farrugia, B.Sc., A.C.W.A., A.C.I.S., F.C.C.S., A.M.I.A. issottometta li l-appellant dahal mal-Kumpanija bhala 'trainee supervisor' fuq bazi ta' jumejn fil-gimgha skola u tlieta 'training' skond ftehim li l-appellant kien iffirma fis-7 ta' Novembru, 1978. Wara sena l-appellant ghadda mill-ezami, ferhulu u fl-ispirtu tal ftehim tas-sena ta' qabel, minkejja li r-rapporti mis-superjuri tieghu fuq il-'performance' tieghu ma kienux tajbin bizzejjed, offrewlu l-post ta' Supervisor (Dok. B/1). Din l-offerta l-appellant m'accettahiex, tawh zmien bizzejjed biex jahsibha u biex jaghti xi kummenti jew suggerimenti li seta' kellu xorta ma accettax l-offerta u wera l-agir tieghu arroganti lejn il-Kumpanija u lejn uhud mill-Management. Gie kkonfermat id-dubbju serju u r-riskju li l-Kumpanija kienet ser tiehu kieku appuntatu 'supervisor' imhabba l-kuntatt dirett u l-kontroll fuq numru gmielu ta' mpjegati. Gie hekk konfermat id-dubbju serju fuq is-'suitability' generali ta' l-appellant li jidhol fil-klassi managerjali. Sar ghalhekk 'assessment' fuq l-appellant mill-membri kollha tat-'top management' u kulhadd qabel li kien hala ta' flus u zmien li ntefqu fuq it-training ta' l-appellant u ghalhekk l-offerta tal-Kumpanija li kienet saret gimghatejn qabel giet irtirata (Dok. B/2). Is-Sur C.L. Farrugia sahaq fuq il-punt li l-grad ta' 'Supervisor' huwa meqjus bhala 'front-line management' u

(i) l-Kumpanija ma kienetx tonfoq il-flus biex jittrenjaw wiehed kieku ma kienx hemm l-intenzjoni li jidhol kmieni fil-klassi manigerjali u ghalhekk ma kien hemm ebda dubbju li dan il-Kumpanija riedet, kif fil-fatt uriet, li twettaq din l-intenzjoni;

(ii) il-posizzjoni ta' 'supervisor' ghanda fiha element qawwi ta' fiducja minn naha tal-Management tant li anki jekk il-kapacita teknika tkun indiskutibbli, il-persuna li tokkupa l-post irid bil-fors li tgawdi l-fiducja shiha tal-Kumpanija.

5. Ghall-appellant instemghu dawn ix-xhieda : Is-Sur Robert Pace Bonello ex General Manager tal-Kumpanija, is-Sur Benny Rizzo Administrative Manager tal-Kumpanija, is-Sur C.L. Farrugia M.Sc., (Econ.) Lond., B.Sc., A.C.W.A., A.C.I.S., F.C.C.S., A.M.I.A., Is- Sur Joseph Cini, Industrial Engineer, mal-Kumpanija, is-Sur Anton Cassar, Production Manager tal-Kumpanija u l-appellant Peter Paul Bellizzi waqt li ghall-Kumpanija xehed is-Sur C.L. Farrugia. Gew ukoll esibiti dawn id-dokumenti:

i) Kopja ta' Regolamenti tal-Kumpanija dwar l-impieg li giet immarkata bhala Dok. "C".

ii) Kopja ta' Procedura - Passi Dixxiplinarji f'kaz ta' Produzzjoni baxxa u kwalita' hazina li giet immarkata bhala Dok. "D".

iii) Kopja ta' Procedura Dixxiplinarja - Rapport mis-Supervisor li giet immarkata bhala Dok. "E".

iv) Kopja ta' Procedura Dixxiplinarja li titpogga fil-file personali li giet immarkata bhala Dok. "F".

6. wara s-smiegh tax-xhieda, it-Tribunal sema' wkoll is-sottomissjonijiet finali taz-zewg partijiet.

7. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>. Kemm mix-xhieda kif ukoll mid-dokumenti esibiti deher car li l-appellant dahal jahdem mal-Kumpanija bhala 'Trainee Supervisor' taht certi kundizzjonijiet cari bil-miktub u accettati mill-appellant wara li dan jidher li ha z-zmien tieghu li jqishom bir-reqqa. Dawn il-kundizzjonijiet sarulu b'ittra li ggib id-data ta' 24 t'Ottubru 1978 u li hu kien iffirma fis-7 ta' Novembru 1978. Fost affarijiet ohra dawn il-kundizzjonijiet jghidu hekk:

"We are offering you the post of trainee supervisor under the following conditions:

1. omissis.
2. You will be released twice a week to follow the course of City and Guilds final in tailoring on full pay.
3. This agreement is automatically terminated if you fail to obtain the final City and Guilds in tailoring within two years and you will be liable to refund the company for the days you were released to attend the course.
4. At the end of your course you agree to serve the company for an equivalent period of time as was taken by you to qualify up to a maximum period of two years in a position to be decided by the company.

Omissis

9. If you successfully pass this course in two years or before the post given to you by the company to serve your committed period will be that of a supervisor.

8. Minn dan il-ftehim bejn iz-zewg partijiet jidher car hafna li l-appellant gie assunt bhala 'trainee supervisor' ghal zmien 'definit' u konsegwentement ma jaqghax taht id-definizzjoni ta' tkeccija ngusta kif provduta fl-artikolu (2) l ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali. Fuq kollox il-kumpanija dejjem fl-ispirtu tal-ftehim skond l-ittra ta' l-24 t'Ottubru 1978, kundizzjoni numru 9, b'ittra li ggib id-data tas-7 ta' Novembru 1978, waqt li ferhet lill-appellant ghax kiseb ic-certifikat qabel is-sentejn, offrietlu l-post ta' supervisor B li l-appellant ma accettax ghal ragunijiet tieghu u ghalhekk tkeccija minn post ta' 'supervisor' ma kienx hemm ghax l-appellant ma accettax il-post.

9. Award. Ghalhekk, salv id-dritt li l-appellant jagixxi quddiem il-qorti kompetenti (jekk ikun il-kaz) it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux kompetenza li jaqta' l-meritu kif kontenut fit-talba ta' l-istess appellant. Izda jordna li c-certifikat tat-'Temm ta' l-Impieg' ir-raguni ghaliex spicca mix-xoghol jithassru u jidhlu minflok il-kliem 'ghax ma accettax il-kundizzjonijiet tax-xoghol li gew offruti lilu."

G.A. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

18 ta' Gunju 1980

em